# Anness I

# Lista tal-ismijiet, għamliet farmaċewtiċi, qawwiet tal-prodotti mediċinali veterinarji, speċi ta' annimali, metodi ta' amministrazzjoni, detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fl-Istati Membri

| Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE | Detentur i tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta' annimali | Mod ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol 25 mg/ml Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| L-Awstrija | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox Direct 25 mg/ml Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner und Puten | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Belġju | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 25mg/ml, solution pour administration dans l'eau de boisson pour poulets et dindes / oplossing voor gebruik in drinkwater voor kippen en kalkoenen toltrazuril / Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner und Puten | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 2,5%<br>25 mg/ml, solution buvable / drank / Lösung zum Einnehmen | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Belġju | Avimedical B.V.<br>Abbinkdijk 1,<br>7255 LX Hengelo Gld<br>The Netherlands | Coccinox | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Belġju | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Bulgarija | Pharma Vet Ltd<br>Shumen, ul. "Otec Paisij" № 40,<br>Bulgaria | Фармакокс разтвор<br>Pharmacox liquid | Toltrazuril | 2.5 g/ 100 ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Bulgarija | Interchemie Werken De Adelaar BV<br>Metaalweg 8,<br>5804 CG Venray,<br>The Netherlands | Intracox oral | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |

| Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE | Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta' annimali | Mod ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | Kepro B.V.<br>Maagdenburgstraat 17,<br>7421 ZA Deventer<br>The Netherlands | Кепкокс 2.5% орал /Kepcox 2.5% oral | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Bulgarija | Ceva Santé Animale<br>10, Av. de La Ballastière<br>33500 Libourne<br>France | Севазурил/Cevazuril | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ tas-simna, ġenituri li qed jikbru ta' tiġieġ, imdawla, dundjani | Użu orali |
| Il-Bulgarija | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Байкокс 2,5% разтвор/Baycox 2,5% solution | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Bulgarija | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril 25 mg/ml разтвор за перорална употреба с питейната вода при пилета / Dozuril 25 mg/ml solution for use in drinking water for chicken | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Kroazja | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 25 mg/ml, otopina za primjenu u vodi za piće, za kokoši i purane | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Ċipru | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 2,5% w/v Πόσιμο διάλυμα για ορνίθια κρεοπαραγωγής και ινδορνίθια. | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ tas-simna, dundjani | Użu orali |
| Ir-Repubblika Ċeka | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 2,5% (w/v) perorální roztok | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tas-simna), dundjani | Użu orali |
| Id-Danimarka | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| L-Estonja | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Estonja | Interchemie Werken De Adelaar Eesti AS<br>Vanapere tee 14, Puunsi Village, Viimsi Rural Municipality, Harju County, 74013<br>Estonia | Intracox Oral | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwiet aq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| L-Estonja | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Franza | Ceva Santé Animale<br>10, Av. de La Ballastière<br>33500 Libourne<br>France | Cevazuril 25 mg/ml solution buvable pour poulets de chair, poulettes et reproducteurs | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwiet aq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Franza | Virbac<br>1ere avenue, 2065 m, LID,<br>06516 Carros,<br>France | Toltracox 2,5% | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwiet aq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Franza | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol 25 mg/ml solution buvable pour poulets | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Franza | VetPharma Animal Health S.L.<br>Les Corts 23,<br>08028 Barcelona,<br>Spain | Zorabel 25 mg/ml solution pour administration dans l'eau de boisson pour poulets et dindes | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Franza | Elanco GmbH<br>Heinz-Lohmann-Straße 4<br>27472 Cuxhaven<br>Germany | Baycox 25 mg/ml solution pour administration dans l'eau de boisson des poules et des dindes | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwiet aq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| Franza | Avimedical B.V.<br>Abbinkdijk 1,<br>7255 LX Hengelo Gld<br>The Netherlands | Coccinox 25 mg/ml solution orale pour administration dans l'eau de boisson pour poulets et dindes | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwiet aq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani, ħamiem | Użu orali |
| Franza | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Cozuril CT 25 mg/ml solution pour administration dans l'eau de boisson pour poulets et dindes | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |

| Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE | Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta’ annimali | Mod ta’ amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | VetPharma Animal Health S.L.<br>Les Corts 23,<br>08028 Barcelona,<br>Spain | Zorabel 25 mg/ml Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner und Puten | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Ġermanja | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril CT | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| Il-Ġermanja | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol 25 mg/ml Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Il-Ġermanja | Elanco GmbH<br>Heinz-Lohmann-Straße 4<br>27472 Cuxhaven<br>Germany | Baycox 25 mg/ml, Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner und Puten | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | Laboratorios Karizoo, S.A.<br>Mas Pujades, 11-12, Pol. Ind.<br>La Borda, Caldes de Montbui,<br>08140 Barcelona<br>Spain | Toltra-K 25 mg/ml Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner und Puten | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Ġermanja | Bremer Pharma GmbH,<br>Werkstr. 42,<br>D-34414 Warburg, Scherfede,<br>Germany | Bremacox 25 mg/ml Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner und Puten | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| Il-Ġermanja | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril 25 mg/ml Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Il-Greċja | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 2,5% | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ tas-simna, dundjani | Użu orali |
| Il-Greċja | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Greċja | VetPharma Animal Health S.L.<br>Les Corts 23,<br>08028 Barcelona,<br>Spain | Zorabel | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| Il-Greċja | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol, Διάλυμα για χορήγηση με πόσιμο νερό 25 mg/ml | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| L-Ungerija | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 2,5% koncentrátum belsőleges oldathoz A.U.V. | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| L-Ungerija | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril 25 mg/ml, oldat ivóvízbe keveréshez házityúkoknak A.U.V. | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Ungerija | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol 25 mg/ml oldat ivóvízbe keveréshez házityúkok részére A.U.V. | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| L-Ungerija | Laboratorios Karizoo, S.A.<br>Mas Pujades, 11-12, Pol. Ind. La Borda, Caldes de Montbui, 08140 Barcelona<br>Spain | Toltra-K 25 mg/ml oldat ivóvízbe keveréshez házityúkok és pulykák számára A.U.V. | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| L-Irlanda | Elanco GmbH<br>Heinz-Lohmann-Straße 4<br>27472 Cuxhaven<br>Germany | Baycox 25 mg/ml, solution for use in drinking water for chickens and turkeys | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwiet aq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| L-Irlanda | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril 25 mg/ml solution for use in drinking water for chickens | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |

| Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE | Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta' annimali | Mod ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol 25 mg/ml solution for use in drinking water for chickens | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| L-Italja | Elanco Italia S.p.A<br>Via dei Colatori, 12<br>50019 Sesto Fiorentino (FI)<br>Italy | Baycox PT 25 mg/ml soluzione per uso in acqua di bevanda per polli da carne e tacchini | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| L-Italja | Elanco Italia S.p.A<br>Via dei Colatori, 12<br>50019 Sesto Fiorentino (FI)<br>Italy | Baycox Soluzione orale 25 mg/ml per polli da carne e tacchini | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ tas-simna, dundjani | Użu orali |
| L-Italja | Ceva Salute Animale S.p.A.<br>Viale Colleoni 15<br>20864 Agrate Brianza (MB)<br>Italy | Cevazuril, 25 mg/ml, soluzione orale, per polli da carne e tacchini, da somministrare diluita in acqua da bere. | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ tas-simna, dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Italja | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril CT 25 mg/ml, soluzione per l'uso in acqua da bere per polli e tacchini | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| L-Italja | Laboratorios Karizoo, S.A.<br>Mas Pujades, 11-12, Pol. Ind.<br>La Borda, Caldes de Montbui,<br>08140 Barcelona<br>Spain | Toltra-K-25 Soluzione da usare nell'acqua di bevanda per polli e tacchini | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| L-Italja | Industria Italiana Integratori Trei S.p.A.<br>Viale Corassori, 62<br>41100 Modena<br>Italy | Treizuril, 25 mg/ml, soluzione orale per polli da carne e tacchini | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ tas-simna, dundjani | Użu orali |
| L-Italja | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol 25 mg/ml soluzione per uso in acqua da bere per polli | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |

| Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE | Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta' annimali | Mod ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Latvja | Interchemie Werken De Adelaar Eesti AS<br>Vanapere tee 14, Puunsi Village, Viimsi Rural Municipality, Harju County, 74013<br>Estonia | LV Intracox Oral 25 mg/ml šķīdums iekšķīgai lietošanai tītariem un vistām | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Latvja | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril 25 mg/ml šķīdums lietošanai ar dzeramo ūdeni vistām | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Il-Latvja | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol 25 mg/ml šķīdums lietošanai ar dzeramo ūdeni vistām | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Il-Litwanja | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril 25 mg/ml, tirpalas naudoti su geriamuoju vandeniu vištoms | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Litwanja | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol 25 mg/ml, tirpalas, naudoti su geriamuoju vandeniu vištoms | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Il-Litwanja | UAB Interchemie werken De Adelaar LT,<br>Terminalo str. 13, Biruliškes,<br>54469, Kaunas distr.<br>Lithuania | Intracox oral,<br>25 mg/ml tirpalas naudoti su ger. vandeniu vištoms ir kalakutams | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ (tas-simna), dundjani | Użu orali |
| Il-Lussemburgu | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 25 mg/m, solution pour administration dans l'eau de boisson pour poulets et dindes / Lösung zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner und Puten | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Lussemburgu | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 2,5%<br>25 mg/ml, solution buvable / Lösung zum Einnehmen | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Lussemburgu | Avimedical B.V.<br>Abbinkdijk 1,<br>7255 LX Hengelo Gld<br>The Netherlands | Coccinox | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Lussemburgu | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Malta | Kepro B.V.<br>Maagdenburgstraat 17,<br>7421 ZA Deventer<br>The Netherlands | Kepcox 2.5% | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ (għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| In-Netherlands | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 25 mg/ml, oplossing voor gebruik in drinkwater voor kippen en kalkoenen | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| In-Netherlands | Avimedical B.V.<br>Abbinkdijk 1,<br>7255 LX Hengelo Gld<br>The Netherlands | Coccinox 25 mg/ml orale oplossing voor gebruik in drinkwater voor kippen, kalkoenen, duiven en konijnen | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwiet aq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani, ħamiem | Użu orali |
| In-Netherlands | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril CT 25 mg/ml oplossing voor toediening in drinkwater voor kippen en kalkoenen | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| In-Netherlands | Pantex Holland B.V.<br>Smaragdweg 15<br>5525 LA Hapert<br>The Netherlands | Toltrapan 25 mg/ml, oplossing voor gebruik in drinkwater voor kippen en kalkoenen | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwiet aq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| In-Netherlands | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril 25 mg/ml oplossing voor toediening in drinkwater voor kippen | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Il-Polonja | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 2,5%, (2,5 g/100 ml, roztwór doustny dla kur i indyków) | Toltrazuril | 2.5 g/ 100 ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ (għawwie taq), dundjani | Użu orali |
| Il-Polonja | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Il-Polonja | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril CT | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwiet aq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |

| Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE | Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta' annimali | Mod ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Polonja | Biofaktor Sp. z o. o.<br>Czysta 4 st., 96-100 Skierniewice,<br>Poland | Endocox | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Polonja | Lovapharm Consulting B.V.<br>Rijsven 3<br>5645 KH Eindhoven<br>The Netherlands | Lovacox oral | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieg tas-simna, għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| Il-Polonja | Laboratorios Karizoo, S.A.<br>Mas Pujades, 11-12, Pol. Ind.<br>La Borda, Caldes de Montbui,<br>08140 Barcelona<br>Spain | Toltra-K | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| Il-Polonja | VetPharma Animal Health S.L.<br>Les Corts 23,<br>08028 Barcelona,<br>Spain | Zorabel | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |

| Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE | Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta' annimali | Mod ta' amministrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Polonja | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Il-Portugall | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 25 mg/ml, solução para administração na água de bebida para galinhas e perus | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Portugall | VetPharma Animal Health S.L.<br>Les Corts 23,<br>08028 Barcelona,<br>Spain | Zorabel 25 mg/ml solução para administração na água de bebida para galinhas e perus | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Il-Portugall | Laboratorios Karizoo, S.A.<br>Mas Pujades, 11-12, Pol. Ind. La Borda, Caldes de Montbui,<br>08140 Barcelona<br>Spain | Toltra-K 25 mg/ml solução para administração na água de bebida para galinhas e perus | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Portugall | Calier Portugal, S.A.<br>Centro Empresarial Sintra-Estoril II, Ed. C, R. Pé de Mouro Estrada de Albarraque 2710 -335 Sintra<br>Portugal | Zuritol 25 mg/ml solução para administração na água de bebida para galinhas | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Ir-Rumanija | Ceva Santé Animale<br>10, Av. de La Ballastière<br>33500 Libourne<br>France | Cevazuril | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ tas-simna, sostituti, għawwiet aq, dundjani | Użu orali |
| Ir-Rumanija | Dopharma Research B.V.<br>Zalmweg 24<br>4941 VX Raamsdonksveer<br>The Netherlands | Dozuril 25 mg/ml | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Ir-Rumanija | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Ir-Repubblika Slovakka | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 2,5% (w/v) perorálny roztok | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-Slovenja | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 25 mg/ml peroralna raztopina za piščance in purane | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Spanja | Bayer Animal Health<br>51368 Leverkusen,<br>Germany | Baycox 25 mg/ml solución para administración en agua de bebida para aves | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (tiġieġ tas-simna, flieles għas-sostituzzjoni), dundjani | Użu orali |
| Spanja | Laboratorios Karizoo, S.A.<br>Mas Pujades, 11-12, Pol. Ind.<br>La Borda, Caldes de Montbui,<br>08140 Barcelona<br>Spain | Toltra-K 25 mg/ml solución para administración en agua de bebida para pollos y pavos | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |
| Spanja | VetPharma Animal Health S.L.<br>Les Corts 23,<br>08028 Barcelona,<br>Spain | Zorabel 25 mg/ml solucion para administracion en agua de bebida para pollos y pavos | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwietaq, tiġieġ għat-tnissil), dundjani | Użu orali |

| **Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE** | **Detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimali** | **Mod ta' amministrazzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | Laboratorios Calier, S.A.<br>Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà)<br>08520 Les Franqueses del Vallès (Barcelona)<br>Spain | Zuritol 25 mg/ml solucion para uso en agua de bebida para pollos | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ (għawwie taq, tiġieġ għat-tnissil) | Użu orali |
| Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq)[1] | Elanco Europe Ltd,<br>Form 2, Bartley Way, Bartley Wood Business Park, Hook,<br>RG 27 9XA,<br>United Kingdom | Baycox 25 mg/ml, solution for use in drinking water for chickens and turkeys | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq)[1] | Laboratorios Karizoo, S.A.<br>Mas Pujades, 11-12, Pol. Ind.<br>La Borda, Caldes de Montbui,<br>08140 Barcelona<br>Spain | Toltra-K 25 mg/ml solution for use in drinking water for chickens and turkeys | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |
| Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq)[1] | VetPharma Animal Health S.L.<br>Les Corts 23,<br>08028 Barcelona,<br>Spain | Zorabel 25 mg/ml solution for use in drinking water for chickens and turkeys | Toltrazuril | 25 mg/ml | Soluzzjoni għall-użu fl-ilma tax-xorb | Tiġieġ, dundjani | Użu orali |

[1] Għar-Renju Unit, mill-1 ta' Jannar 2021, id-Dritt tal-UE japplika biss għat-territorju tal-Irlanda ta' Fuq (NI) sal-limitu previst mill-Protokoll dwar l-Irlanda/NI.

# Anness II

# Konklużjonijiet xjentifiċi u raġunijiet għall-emendar tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott

# Sommarju ġenerali tal-evalwazzjoni xjentifika ta' prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-toltrazuril li għandhom jingħataw mill-ħalq lit-tiġieġ (ara Anness I)

## 1. Introduzzjoni

It-toltrazuril huwa antikoċċidjali tal-grupp tat-triazinetrione u huwa attiv kontra l-*Eimeria* spp. Il-prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-toltrazuril jintużaw fit-tiġieġ, fost speċijiet ta' annimali oħrajn, għall-kura tal-koċċidjożi, li hija marda serja għat-tiġieġ, li taffettwa b'mod speċjali l-flieles iż-żgħar.

Prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-toltrazuril mhumiex awtorizzati għall-użu fit-tiġieġ li jipproduċu bajd għall-konsum mill-bniedem. Madankollu, f'każijiet ta' eċċezzjoni, tiġieġ ta' età żgħira li jbid ukoll jista' jiġi infettat minn speċijiet partikolari ta' *Eimeria*. Jekk ma jkun hemm l-ebda kura alternattiva awtorizzata disponibbli, it-toltrazuril jista' jintuża f'tiġieġ li jbid skont l-Artikolu 113 tar-Regolament (UE) 2019/6 (l-hekk imsejħa "kaskata") u f'dawk il-każijiet għandu jiġi applikat perjodu ta' rtirar ta' mill-inqas għaxart ijiem (skont l-Artikolu 115 (1)(c) tar-Regolament (UE) 2019/6).

Fl-2020, ġie rrapportat inċident fil-EudraVigilance Veterinary li jikkonċerna l-użu ta' prodott li fih it-toltrazuril fin-Netherlands f'tiġieġ ta' età żgħira, bejn wieħed u ieħor 20 ġimgħa, li jbid biex tiġi kkurata infezzjoni tal-*Eimeria brunetti* li tikkawża mard u mortalità. Id-doża rakkomandata ta' 7 mg ta' toltrazuril għal kull kg ta' piż tal-ġisem kuljum għal jumejn ġiet applikata fl-ilma tax-xorb u ġie rakkomandat perjodu ta' rtirar ta' sebat ijiem mill-veterinarju inkarigat (f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE, li kien fis-seħħ f'dak iż-żmien). Madankollu, l-Unità ta' Spezzjoni Olandiża talbet li jsir kontroll għar-residwi (ir-residwu markatur huwa t-toltrazuril sulfone, magħruf ukoll bħala ponazuril) qabel ma l-bajd ikun jista' jidħol fil-katina tal-ikel. Ir-riżultati wrew li r-residwu markatur seta' jiġi identifikat f'tiġieġ li jbid li jkun ġie kkurat sa 96 jum wara li tkun ingħatat il-kura.

Minħabba ż-żamma fit-tul tat-toltrazuril fil-bajd minn tjur li jkunu ġew ikkurati, in-Netherlands ikkunsidraw li l-perjodu ta' restrizzjoni ta' erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-bidien (kif indikat fl-informazzjoni dwar il-prodott ta' numru ta' prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati fl-UE) jaf ma jkunx biżżejjed biex tiġi żgurata l-konformità mal-MRL rakkomandat u jaf ikun perjodu qasir wisq biex jiġi żgurat li r-residwi f'xirja tal-ikel standard li jinkludi l-bajd ma jaqbżux id-doża aċċettabbli ta' kuljum, u għalhekk, jaf ikun hemm riskju potenzjali għall-konsumatur.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, in-Netherlands ikkunsidraw li kien meħtieġ li l-kwistjoni tiġi riferuta lill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju (CVMP) fl-interess tal-protezzjoni tas-sikurezza tal-konsumatur fl-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, fl-10 ta' Diċembru 2021, in-Netherlands bdew proċedura skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2001/82/KE, għall-prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-toltrazuril li jingħataw mill-ħalq lit-tiġieġ. Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju intalab jirrevedi d-*data* kollha disponibbli dwar ir-residwi u jirrakkomanda perjodu ta' restrizzjoni xieraq qabel il-bidu tal-bidien li matulu l-prodotti mediċinali veterinarji msemmija hawn fuq m'għandhomx jintużaw fit-tiġieġ.

Għalkemm fil-bidu ta' din il-proċedura ta' riferiment, ma ġiex stabbilit formalment limitu massimu ta' residwi (MRL) għat-toltrazuril fil-bajd tat-tiġieġ fl-Unjoni Ewropea (UE), huwa importanti li jiġi nnotat li skont l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, fid-29 ta' Ġunju 2021 in-Netherlands ressqu talba għall-estensjoni tal-limiti massimi ta' residwi għat-toltrazuril għall-bajd tat-tiġieġ. Fid-9 ta'

Diċembru 2021, is-CVMP ħareġ opinjoni li tirrakkomanda l-istabbiliment ta' MRL għar-residwu markatur tat-toltrazuril sulfone ta' 140 µg/kg għall-bajd tat-tjur[2].

# 2. Diskussjoni tad-*data* disponibbli

### Għamla kwalitattiva u kwantitattiva

Il-Kumitat innota li l-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati minn din il-proċedura ta' riferiment għandhom kompożizzjoni simili. Minħabba li l-prodotti mediċinali veterinarji huma għall-użu orali u li l-mediċini ġeneriċi awtorizzati kollha huma bijoekwivalenti għall-prodott ta' referenza ("Baycox 25 mg/ml"; Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq (MAH): Bayer Animal Health GmbH/Elanco Animal Health Inc.), is-CVMP ikkunsidra li kwalunkwe differenza fil-kompożizzjoni mhijiex mistennija li tinfluwenza l-perjodu ta' restrizzjoni fil-bajd.

Għalhekk, is-CVMP ikkunsidra li d-*data* kollha dwar ir-residwi għall-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati kollha tista' tiġi kkunsidrata flimkien biex jiġi ddeterminat il-perjodu xieraq qabel il-bidu tal-bidien li matulu l-prodotti m'għandhomx jintużaw. Konsegwentement, il-Kumitat ikkonkluda li l-eżitu tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà tal-konsumatur jista' jiġi applikat għall-prodotti kollha kkonċernati minn din il-proċedura ta' riferiment.

### Informazzjoni relatata mal-bajd kif iddikjarat fit-taqsima 4.11 (mudell QRD v8.2) tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għall-prodotti mediċinali veterinarji differenti

Il-Kumitat innota li fil-biċċa l-kbira tal-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati minn dan ir-riferiment, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott (SPC) kien fih dikjarazzjonijiet li jiċċaraw li mhumiex awtorizzati għall-użu fi tjur li jbidu. Barra minn hekk, diversi SPCs indikaw li l-prodott mediċinali veterinarju m'għandux jintuża fi żmien erba' ġimgħat mill-bidu tal-bidien. Madankollu, il-Kumitat innota li ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni dwar kif ġie ddeterminat it-tul ta' dan il-perjodu ta' restrizzjoni.

### *Data* dwar ir-residwi

L-ebda *data* proprjetarja fir-rigward tal-kinetika tar-residwi ta' toltrazuril fil-bajd tat-tiġieġ wara s-somministrazzjoni orali ma ġiet ipprovduta mill-MAHs. Madankollu, il-letteratura ppubblikata (tliet pubblikazzjonijiet minn ġurnali xjentifiċi pprovduti minn xi MAHs ikkonċernati minn dan ir-riferiment) tqiegħdet għad-dispożizzjoni tas-CVMP: Mulder *et al*., 2005[3]; Varenina *et al.,* 2012[4]; Pietruk *et al*., 2021[5]. Barra minn hekk, studju dwar it-tnaqqis tar-residwi li ma ġiex ippubblikat sar disponibbli mil-Laboratorju ta' Referenza Ewropew għar-residwi f'Berlin[6] u xi *data* dwar ir-residwi nkisbet minn EudraVigilance Veterinary fl-2020.

Id-*data* kopriet diversi meded ta' ħinijiet ta' teħid ta' kampjuni iżda r-Rapport Tekniku EURL biss[6] kellu firxa rilevanti ta' ħinijiet ta' teħid ta' kampjuni, peress li kien l-uniku studju li fih it-tiġieġ ġew ikkurati bejn wieħed u ieħor erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-bidien. Dan iż-żmien tal-kura huwa aktar rilevanti meta mqabbel ma' studji oħra li fihom intużaw tjur li jbidu, minħabba li jkunu segwew il-perjodu ta' restrizzjoni li huwa indikat fl-informazzjoni dwar il-prodott ta' diversi prodotti mediċinali veterinarji

[2] EMA. Summary of opinion on the extension of maximum residue limits for toltrazuril to chicken eggs (EMA/CVMP/709072/2021) – link
[3] Mulder P.P.J., *et al.* (2005). Deposition and depletion of the coccidiostats toltrazuril and halofuginone in eggs. Analytica chimica acta, 529(1-2), 331-337.
[4] Varenina I., *et al.* (2012). Deposition of toltrazuril residues in eggs during and after treatment with dose over the therapeutic dose. [Conference poster]. Board of the EuroResidue Conferences Foundation. Residues of veterinary drugs in food. Proceedings of the EuroResidue VII Conference, Egmond aan Zee, The Netherlands, 14-16 May 2012. Volume 1, 2 and 3 pp. 533-538.
[5] Pietruk K., *et al.* (2021) . Risk of residues of toltrazuril sulfone in eggs after oral administration – could setting maximum residue limit be helpful?. Food chemistry, 360, 130054.
[6] Technical Report 2019/2020 of the EURL for residues (EURL Berlin, 2020)

awtorizzati fl-Unjoni Ewropea (jiġifieri, erba' ġimgħat qabel ma tiġieġa tibda tbid), li jikkostitwixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura ta' riferiment. Għalhekk, is-CVMP ikkunsidra l-istudju EURL[6] bħala l-istudju essenzjali għad-determinazzjoni tal-perjodu ta' restrizzjoni qabel il-bidu tal-bidien li matulu ma jridux jiġu kkurati.

Fl-istudju EURL[6], 10 tiġiġiet kannella li jbidu b'saħħithom (età ta' 15-il ġimgħa, piż tal-ġisem: 1.04-1.22 kg) ingħataw il-prodott mediċinali veterinarju "Toltra K" fl-ilma tax-xorb f'doża ta' 7 mg ta' toltrazuril għal kull kg ta' piż tal-ġisem kuljum għal jumejn. Il-bajd inġabar kuljum għal madwar ħames ġimgħat mill-bidu tal-bidien u ġie analizzat għall-konċentrazzjoni tar-residwu markatur toltrazuril sulfone bl-użu ta' metodu ta' kromatografija likwida b'detezzjoni ta' spettrometrija tal-massa tandem (LC-MS/MS) b'limitu ta' deċiżjoni (CCα) ta' 4.42 µg/kg għat-toltrazuril sulfone, 6.47 µg/kg għat-toltrazuril u 0.49 µg/kg għat-toltrazuril sulfoxide.

Ir-residwi tat-toltrazuril sulfone nstabu fil-bajd sa tmien ġimgħat wara l-kura. Il-konċentrazzjonijiet tar-residwi individwali naqsu minn 167.49 µg ta' toltrazuril sulfone għal kull kg fis-27 jum wara l-kura, għal taħt CCα (4.42 µg ta' toltrazuril sulfone għal kull kg) fil-55 jum wara l-kura. Il-konċentrazzjonijiet tar-residwi tat-toltrazuril u tat-toltrazuril sulfoxide kienu taħt is-CCα rispettiv tagħhom fil-punti kollha tal-ħin.

Il-livelli tar-residwi tat-toltrazuril sulfone kienu taħt il-valur tal-MRL rakkomandat mis-CVMP għall-bajd (jiġifieri, 140 µg/kg) fit-28 jum wara l-kura. Kien hemm biss kampjun wieħed ogħla mill-MRL rakkomandat, li kien jikkorrispondi għall-ewwel bajda miġbura (fis-27 jum wara l-kura) u l-konċentrazzjoni kienet ta' 167.49 µg ta' toltrazuril sulfone għal kull kg. Fl-ewwel punti taż-żmien tat-teħid tal-kampjuni kien hemm bajda waħda kuljum biss (mhux it-tjur kollha bdew ibidu fl-istess ħin) u mill-punti taż-żmien aktar tard, hemm varjazzjoni sostanzjali fil-konċentrazzjonijiet tar-residwi li kellha titqies. Rigressjoni log-lineari żvelat li l-interċetta tal-linja ta' rigressjoni bl-MRL rakkomandat hija ta' 30 jum u l-limitu ta' tolleranza ta' 95/95 jilħaq l-MRL rakkomandat wara 38 jum.

Is-CVMP ikkunsidra li l-approċċ statistiku l-aktar xieraq huwa l-"metodu SCPM" li huwa metodu użat għad-determinazzjoni tal-perjodu ta' rtirar għall-ħalib (EMEA/CVMP/473/98-FINAL)[7] li fih il-limitu ta' tolleranza ta' 95/95 għal kull punt ta' żmien jiġi mqabbel mal-MRL. Għal dan il-metodu, mhux meħtieġ li wieħed ikun jaf liema bajd nbied mil-liema tiġieġa u l-metodu jassumi distribuzzjoni log-normali tar-residwi f'kull punt ta' żmien.

Skont din l-analiżi, il-perjodu ta' restrizzjoni bejn l-amministrazzjoni u l-bidu tal-perjodu tal-bidien jkun ta' 41 jum, li huwa wkoll konformi mal-proposta tal-MAHs li ssuġġeriet li l-perjodu ta' restrizzjoni jiġi stabbilit għal sitt ġimgħat, abbażi tad-*data* minn Pietruk *et al*. (2021)[5] li fih il-limitu ta' tolleranza 95/95 ikun ukoll bejn 35-40 jum. Il-Kumitat innota wkoll li d-*data* ta' EudraVigilance Veterinary hija konsistenti ma' din il-proposta minħabba li r-residwi kienu taħt l-MRL irrakkomandat mid-39 jum wara l-kura 'l quddiem.

B'mod ġenerali, mis-settijiet ta' *data* tar-residwi, il-Kumitat ikkunsidra li l-perjodu ta' restrizzjoni ta' erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-bidien mhuwiex biżżejjed biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-konsumatur skont il-valur tal-MRL rakkomandat tas-CVMP għall-bajd tat-tjur (140 µg/kg). Huwa importanti li wieħed jinnota li għalkemm fiż-żmien tal-konklużjoni ta' din il-proċedura ta' riferiment dan l-MRL għadu ma ġiex adottat formalment u inkluż fit-Tabella 1 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010, dan ma jibdilx il-fatt li s-CVMP jikkunsidrah li jirrappreżenta livell ta' residwi li jistgħu jitqiesu sikuri, mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-konsumatur. Peress li l-MRL rakkomandat huwa kkunsidrat bħala valur sigur, intuża bħala punt ta' referenza f'din il-proċedura ta' riferiment għad-derivazzjoni ta' intervall ta' żmien xieraq bejn l-għoti u l-bidu tal-bidien.

[7] CVMP Note for guidance for the determination of withdrawal periods for milk (EMEA/CVMP/473/98-FINAL) - link

Għalhekk, is-CVMP ikkunsidra li perjodu ta' restrizzjoni ta' sitt ġimgħat qabel il-bidu tal-bidien, li fih it-tjur ma jridux jiġu kkurati, jiżgura li r-residwi tar-residwu markatur toltrazuril sulfone fil-bajd ikunu taħt l-MRL rakkomandat ta' 140 µg/kg minn meta jibdew ibidu t-tjur, u għalhekk, huwa meqjus adegwat għall-protezzjoni tal-konsumaturi. Għalhekk, is-CVMP ikkunsidra li l-informazzjoni dwar il-prodott għall-prodotti mediċinali veterinarji kollha kkonċernati għandha tiġi emendata kif xieraq biex tirrifletti dan l-eżitu.

# 3. Valutazzjoni tal-benefiċċji/riskji

**Introduzzjoni**

Is-CVMP intalab jirrieżamina d-*data* kollha disponibbli dwar ir-residwi fil-bajd tat-tiġieġ għall-prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-toltrazuril biex jingħataw mill-ħalq lit-tiġieġ u biex jirrakkomanda perjodu ta' restrizzjoni xieraq qabel il-bidu tal-bidien, li matulu t-tiġieġ m'għandhomx jiġu kkurati bil-prodotti mediċinali veterinarji msemmija hawn fuq.

**Valutazzjoni tal-benefiċċji**

Filwaqt li l-effikaċja tal-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati fit-tiġieġ ma ġietx speċifikament ivvalutata bħala parti minn din il-proċedura ta' riferiment, il-prodotti li qed jiġu vvalutati huma kkunsidrati effettivi fit-tiġieġ għall-kura tal-koċċidjożi li hija marda serja, li taffettwa b'mod speċjali l-flieles iż-żgħar.

**Valutazzjoni tar-riskju**

Il-kwalità, is-sigurtà tal-annimal fil-mira, is-sigurtà tal-utent u r-riskju ambjentali għall-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati ma ġewx ivvalutati f'din il-proċedura ta' riferiment. Barra minn hekk, għal prodotti ġeneriċi, il-bijoekwivalenza ma ġietx evalwata, peress li dan diġà sar fi ħdan il-proċeduri rispettivi ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

It-toltrazuril ġie evalwat minn qabel mis-CVMP sabiex jiġu stabbiliti limiti massimi ta' residwi (MRLs). Fid-9 ta' Diċembru 2021, is-CVMP adotta opinjoni li tirrakkomanda l-estensjoni tal-MRLs għat-toltrazuril fil-bajd tat-tiġieġ[2]. Barra minn hekk, b'referenza għall-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 u f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/880, il-Kumitat qabel li jestrapola l-konklużjonijiet relatati mal-bajd tat-tjur (MRL rakkomandat mis-CVMP għat-toltrazuril fil-bajd tat-tjur: 140 µg/kg).

Il-koċċidjożi sseħħ l-aktar fi flieles żgħar (spiss f'dawk ta' età ta' bejn erba' u sitt ġimgħat), iżda kultant jaf isseħħ f'età kemxejn aktar avvanzata. Minħabba li t-toltrazuril sulfone, il-metabolit ewlieni, għandu nofs ħajja ta' eliminazzjoni relattivament twila, ir-residwi ta' dan il-metabolit jistgħu jispiċċaw fil-bajd, anki jekk l-għoti jkun seħħ f'punt taż-żmien qabel ma jibda l-perjodu ta' bidien. Għalhekk, perjodu ta' restrizzjoni ta' erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-bidien li fih it-tjur ma jridux jiġu kkurati huwa attwalment inkluż fl-informazzjoni dwar il-prodott ta' xi prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati minn din il-proċedura ta' riferiment.

Madankollu, ġie identifikat riskju dwar it-tul tal-perjodu ta' restrizzjoni awtorizzat għat-tiġieġ imsemmi hawn fuq. L-informazzjoni disponibbli indikat li jaf ma jkunx biżżejjed li r-residwi fil-bajd jitħallew jaqgħu taħt l-MRL rakkomandat (jiġifieri, 140 µg/kg), u b'hekk jinħoloq riskju għall-konsumaturi.

**Miżuri ta' ġestjoni jew ta' mitigazzjoni tar-riskju**

Wieħed għandu jinnota li r-residwi fil-bajd mid-dundjani ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-riferiment u għalhekk, ma ġewx ivvalutati f'din il-proċedura.

Abbażi ta' *data* dwar ir-residwi fit-tiġieġ, perjodu ta' restrizzjoni ta' sitt ġimgħat qabel il-bidu tal-bidien, li fih it-tjur ma jridux jiġu kkurati ġie derivat għall-prodotti mediċinali veterinarji kollha kkonċernati minn din il-proċedura ta' riferiment. Dan il-perjodu jiżgura li r-residwi tar-residwu markatur toltrazuril sulfone fil-bajd ikunu taħt l-MRL rakkomandat tas-CVMP ta' 140 µg/kg minn meta jibdew ibidu t-tjur, u għalhekk, jitqies li huwa adegwat biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-konsumatur.

**Evalwazzjoni u konklużjonijiet dwar il-bilanċ bejn il-benefiċċji u r-riskji**

Wara li kkunsidra r-raġunijiet għal din il-proċedura ta' riferiment u d-*data* disponibbli, is-CVMP ikkonkluda li l-perjodu ta' restrizzjoni qabel il-bidu tal-bidien, li matulu t-tiġieġ m'għandhomx jiġu kkurati bi prodotti mediċinali veterinarji mogħtija mill-ħalq li fihom it-toltrazuril għandu jiġi emendat kif rakkomandat.

Il-bilanċ globali bejn il-benefiċċji u r-riskji għall-prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-toltrazuril li jingħataw mill-ħalq lit-tiġieġ jibqa' pożittiv, soġġett għat-tibdil rakkomandat fl-informazzjoni dwar il-prodott.

# Raġunijiet għall-emendar tal-karatteristiċi tal-prodott fil-qosor, tat-tikkettar u tal-fuljett ta' tagħrif

Billi

- abbażi tad-*data* disponibbli dwar it-tnaqqis tar-residwi, is-CVMP ikkunsidra li l-perjodu ta' restrizzjoni qabel il-bidu tal-bidien li matulu prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-toltrazuril li jingħataw mill-ħalq ma għandhomx jintużaw fit-tiġieġ għandu jiġi emendat biex jipprovdi assigurazzjoni għas-sikurezza tal-konsumatur;
- is-CVMP qies li l-bilanċ globali bejn il-benefiċċji u r-riskji għall-prodotti taħt din il-proċedura jibqa' pożittiv soġġett għall-emendi fl-informazzjoni dwar il-prodott;

is-CVMP irrakkomanda l-emendar tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għal prodotti mediċinali veterinarji li fihom it-toltrazuril li għandhom jingħataw mill-ħalq lit-tiġieġ kif imsemmi fl-Anness I li għalihom is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljett ta' tagħrif huma stabbiliti fl-Anness III.

# Anness III

# Emendi fis-sezzjonijiet rilevanti tal-Karatteristiċi tal-prodott fil-qosor, tat-tikketta u tal-fuljett ta' tagħrif

# Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott

**4.11 Perjodu/i ta' rtirar** (mudell tal-QRD v8.2) **/ 3.12 Perjodi ta' rtirar** (mudell tal-QRD v9.0)

…

Mhux għall-użu fi tjur li jipproduċu jew huma maħsuba li jipproduċu bajd għall-konsum mill-bniedem. Tużahx fi żmien sitt ġimgħat sa meta jibdew ibidu.

# Tikkettat

| |
|---|
| **8. PERJODU/I TA' RTIRAR** (mudell tal-QRD v8.2) **/ 7. PERJODI TA' RTIRAR** (mudell tal-QRD v9.0) |

…

Mhux għall-użu fi tjur li jipproduċu jew huma maħsuba li jipproduċu bajd għall-konsum mill-bniedem. Tużahx fi żmien sitt ġimgħat sa meta jibdew ibidu.

# Fuljett ta' tagħrif

**10. PERJODU/I TA' RTIRAR** (mudell tal-QRD v8.2) **/ 10. Perjodi ta' rtirar** (mudell tal-QRD v9.0)

…

Mhux għall-użu fi tjur li jipproduċu jew huma maħsuba li jipproduċu bajd għall-konsum mill-bniedem. Tużahx fi żmien sitt ġimgħat sa meta jibdew ibidu.